MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 99/2002/1

**Josephine mart Gordon Benfield**

**vs**

**L-Avv. Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud kuraturi deputati nominati b'digriet datat 29 ta' Ottubru 2001 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Gordon Benfield**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 u 2 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Awissu, 1970.

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal, illum maggjorenni.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati verso l-attrici ta' adulterju, ngurji, servizzi, ngurji gravi, u mohqrija.

Illi inoltre iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli u ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi quddiem din l-Onorabbli Qorti tramite degriet mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili moghti fit-18 ta' Dicembru, 2001.

Illi ghalhekk l-attrici talbet li ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara l-firda personali bejn il-konjugi Benfield minhabba htija da parti tal-konvenut, inkluz adulterju, mohqrija, ngurji, ngurji gravi u sevizzi oltre li l-istess zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. tikkommina a favur l-attrici l-effetti u penalitajiet stabbiliti fl-**Artikoli 48 u 51 tal-Kap 16** kontra l-konvenut zewgha.

3. tordna lil konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali taghha u jhallasha l-krediti parafernali taghha.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentari li tigi stabbilita`, pagabbli kif jigi ordnat skond l-**Artikolu 54 tal-Kap 16**.

5. Salv kwalunkwe provvediment dwar it-tieni u r-raba' talba, tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess, u tassenja parti ugwali lil kull kontendenti.

6. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-procedura quddiem l-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut illum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati a fol.13 tal-process fejn eccepew:-

Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirriservaw li jwiegbu fil-mertu meta u jekk jirrnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.13 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Mejju 2002 fejn inghata digriet ghall-affidavits tal-partijiet ta’ 40 jum kull wiehed. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Ottubru 2002;

Rat in-nota ta’ l-attrici li biha pprezentat l-affidavit taghha stess;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret mill-attrici sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn il-konvenut assenti u dan minhabba adulterju, ngurji, sevizzi, ngurji gravi u mohqrija min-naha tieghu. Inoltre’ hi sostniet li z-zwieg celebrat fit-30 ta’ Awissu 1970 bejniethom tkisser b’mod irrimedjabbli u m’hemmx lok ta’ rikonciljazzjoni. Hija ghamlet imbaghad diversi talbiet li se jigu kkunsidrati aktar tard.

Illi l-kuraturi tal-konvenut assenti pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet fejn eccepew illi m’humiex edotti mill-fatti.

Illi fis-seduta tas-16 ta’ Mejju 2002 il-Qorti tat digriet fejn tat zmien lill-partijiet 40 jum kull wiehed biex jipprezentaw il-provi taghhom bl-affidavits.

Illi l-attrici fl-affidavit taghha xehdet li hi zzewget lill-konvenut fit-30 ta’ Awissu 1970 u kif izzewgu marru l-Ingilterra. Gew lura fl-1979. Fis-sena 1989 marru lura l-Ingilterra. Fis-sena 1999, l-attrici telqet definitivament u giet lura Malta. Huma kellhom zewgt itfal li huma maggorenni.

Illi hija qalet illi ma setghatx toqghod aktar mieghu ghax ma kienx igib ruhu ta’ ragel mizzewweg maghha. Hi kienet tkun prezenti sabiex taqdieh bhala seftura. Hu ma kienx jerfa’ jdejh fuqha. Izda meta kien ikun fis-sakra, li kienet tkun ta’ spiss, hi kienet tkun bezghana ghax kien isawwatha psikologikament. Fil-kumpanija tal-hbieb kien jipprova jumiljaha fil-presenza taghhom u jiccajta b’mod l-aktar goff ma shabha nisa.

Illi hi qalet illi l-atteggament tieghu beda jitfaghha lura fizikament tant li bdiet timrad u titlef hafna piz. Wara diversi testijiet, irrizulta li kienet taht “*severe stress*” u giet konsiljata medikament li sabiex issalva hajjitha kellha titlaq ta’ bilfors. Dan aktar meta skopriet ir-relazzjoni li allegatament kellu ma’ mara Ciniza. Din bdiet anki ccempel id-dar u ssaqsi ghalih. Meta kienet tikkonfrontah kien ighidilha li qed tivvinta l-istejjer.

Illi l-bicca l-kbira hi ma kienitx tahdem. Kienet tiddependi minnu u ghalhekk kellha ssofri minn gewwa. Kien imur fis-sakra spiss, mohhu biex johrog mal-hbieb u ma kien juriha l-ebda rispett u kien jehdilha r-rigali biex jixtriha.  Meta rat li r-ragel ma kienx ser jinbidel allavolja kienet tghidlu, u hu kien iwahhal li kienet hi li nbidlet u li kellha wicc haddiehor, ma setghetx tkompli. Sahhitha marret ghall-aghar u meta rat li ma kienx hemm tama ta’ rikonciljazzjoni, telqet. Meta giet lura Malta laqaghha huha l-kbir. Ippruvat tikkomunika mieghu izda baqghet bla risposta.

Illi hija ddikjarat illi minghand il-konvenut hi ma trid xejn – la manteniment u lanqas minn dak li ghamlu flimkien fiz-zwieg. Dwar dak li ghamlu fiz-zwieg safejn taf hi ttrasferixxa kollox ic-Cina peress li hu jahdem fuq l-*oilrigs* fuq sistema *offshore*. Minn xi zmien ‘l hawn spicca u ma tafx fejn joqghod u wisq anqas fejn jahdem. Taf biss li kellu mara Ciniza u kien qed jiehu hsiebha huwa stess.

Illi minn dan kollu rrizulta li l-attrici telqet mid-dar fl-Ingilterra biex tigi lura Malta minhabba li hi ma setghetx toqghod aktar mieghu. Huwa ma kienx igib ruhu ta’ ragel mizzewweg u spiss kien ikun fis-sakra. Hu kien jipprova jumiljaha quddiem il-hbieb taghhom. Dan l-atteggament tieghu baghtha lura fizikament infatti rrizulta li kienet taht “*severe stress*” u b’hekk inghatalha parir mediku li kellha bilfors titlaq biex tirkupra. B’hekk il-konvenut ghandu jinzamm responsabbli tal-agir tieghu u fil-fatt tali agir kien il-fattur ghaliex dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kawza ta’ l-eccessi prattikati minnu fil-konfront taghha anki in vista tal-fatt li huwa ghandu mara ohra u qieghed jiehu hsiebha; u inoltre’ sa anki ttrasferixxa dak kollu li ghamlu fiz-zwieg ic-Cina. Illi *di piu*` l-versjoni attrici lanqas giet bl-ebda mod kontradetta.

Illi ghalhekk l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jigu milqugha. Ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba l-attrici ma pproduciet l-ebda provi dwar x’beni u krediti parafernali li kellha. Rigward ir-raba’ talba l-attrici ddikjarat fl-affidavit taghha li hija ma trid l-ebda manteniment minghandu. Illi pero’ din il-Qorti tirriservalha d-dritt li jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u l-konvenut jkun rintraccabbli l-attrici tkun tista’ taghmel il-proceduri necessarji biex tiehu manteniment minghandu jekk u fl-eventwalita` li jkunu jezistu c-cirkostanzi li tista’ tvanta tali dritt. Fir-rigward il-hames talba jinghad li ghalkemm il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta, ma hemmx x’jinqasam fil-komunjoni peress li ma jirrizultax li l-attrici pproduciet xi provi dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, u inoltre’ hi stess iddikjarat fl-affidavit taghha li hi ma trid xejn minn dak li ghamlu flimkien fiz-zwieg anki peress li safejn taf hi ttrasferixxa kollox ic-Cina.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess jikkontradixxu dak fuq premess, **tilqa' l-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet attrici** u filwaqt li **tichad it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet attrici** u dan biss u unikament kif hawn aktar l-isfel indikat u cioe`:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Benfield minhabba htija da parti tal-konvenut, inkluz adulterju, mohqrija, ngurji, ngurji gravi u sevizzi oltre' li l-istess zwieg tkisser irrimedjabbilment;

(2) Tikkomina a favur l-attrici l-effetti u penalitajiet stabbiliti fl-**artikoli 48 u 51 tal-Kap 16** kontra l-konvenut zewgha;

(3) Tichad it-tielet talba stante li ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi assi parafernali appartenenti lill-attrici, u minhabba nuqqas ta' provi mill-attrici fuq din it-talba.

(4) Tichad f'dan l-istadju u fic-cirkostanzi r-raba' talba attrici, kif premess fil-konsiderazzjonijiet, stante li l-attrici nnifisha rrinunzjat f'dawn il-proceduri ghall-manteniment fl-affidavit taghha, minhabba li lanqas ghandha hjiel dwar l-introjtu tal-konvenut assenti, b'dan pero` li jibqa' impregudikat li l-attrici tvanta tali dritt sabiex tressaq tali talba jekk ic-cirkostanzi fil-futur jinbidlu u hija skond il-ligi tkun intitolata li tezigi tali alimenti.

(5) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett immedjat, b'dan li ma hemm lok ta' ebda likwidazzjoni stante li jirrizulta mill-provi li tali kommunjoni ma kelliex assi.

(6) Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-procedura quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Ottubru 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Ottubru 2002.**